MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1335/2005

**Maltacom plc (C22334)**

**Vs**

**Woods Joseph (ID 484952M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Gunju 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm718.34 (seba` mija u tmintax-il Lira Maltin u erbgha` u tletin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm718.34 (seba` mija u tmintax-il Lira u erba` u tletin centezmu) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 249109 (CN 218945 – tc 10059869) interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas il-konvenut baqa`

inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti.

Sema` l-partijiet.

Ikkonsidra:

Illi l-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex jirregola ruhu izda baqa inadempjenti.

Billi l-ammont baqa` dovut.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------